MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1447/1997/1

**Allied Insurance Services Ltd.**

**vs**

**Lawrence Abela ghan-nom ta' Mabrouke Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Lulju, 1997, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine dik is-somma ta' sitt mija u erbgha u erbghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm644.11) rapprezentanti premia dovuti ghall-poloz ta'

assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Lawrence Abela nomine fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

1. Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-hlas fuq l-invoices in kwistjoni u dan peress li hi qatt ma kienet awtorizzat il-hrug tal-"policies" koncernati.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici ma wrietx kif waslet sabiex titlob il-kreditu li qieghda tvanta llum. Is-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet l-invoices koncernati u ma tafx x'suppost jirraprezentaw is-sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltija vantati mis-socjeta' attrici.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici hi nnifisha debitrici tas-socjeta' konvenuta u dan billi s-socjeta' attrici naqset li tonora claim precedenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas ammont ghall-premia ta' poloz ta' assikurazzjoni illi hareg mas-socjeta' attrici.

Xehdu f'din il-kawza Owen Meilak u Stephen Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn spjegaw kif din ta' l-ahhar waslet ghall-ammont reklamat fl-avviz.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut hareg diversi poloz ta' l-assikurazzjoni bejn l-1995 u l-1997. Kien hemm ukoll xi poloz illi gew kancellati fejn gie akkreditat bl-ammont tal-premia taghhom. Stephen Camilleri spjega illi kienu qed isiru diversi pagamenti akkont, pero' dejjem kien jibqa' xi bilanc favur is-socjeta' attrici. Spjega kif darba minnhom ukoll sar pagament ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00). Dawn il-pagamenti jidhru fl-i*statements* illi gew esebiti f'dawn l-atti illi kienu disponibbli ghall-konvenut sabiex jezamina. Minkejja dan, il-konvenut ma deherx quddiem il-Qorti meta l-kawza kienet ghal darbtejn differita ghax-xhieda tieghu.

Ghalhekk il-Qorti toqghod fuq ix-xhieda prodotta mis-socjeta' attrici, liema xhieda l-Qorti jidhrilha li hija veritiera u ta' min joqghod fuqha. Mill-bqija l-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti minfejn il-pretenzjoni attrici tidher spjegata fid-dettal.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u erbgha u erbghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm644.11) rapprezentanti premia dovuti ghall-poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut."

Il-konvenut nomine appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-provi ma jissuffragawx it-tezi tas-socjeta` assiguratrici attrici illi kien hemm tigdid tal-poloz ta' assikurazzjoni. Hu jissottometti illi ma rrizultax illi kienu nghataw struzzjonijiet lis-socjeta` attrici biex iggedded il-poloz. Isostni wkoll illi ma kienx jaf li l-poloz gew imgedda u fil-fatt malli sar jaf bihom talab lil jigu kancellati.

Huwa pacifikament akkolt illi "il-bazi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, hu l-ftehim milhuq u liberament espress bejn l-assiguratur u l-assigurat.

Ftehim li jrid ikollu l-konkors ta’ l-elementi kollha soliti mehtiega ghal kull kuntratt, u cjoe l-offerta inekwivokabbli, u l-accettazzjoni daqstant iehor inekwivokabbli, il-consensus ad idem lejn l-oggett tal-kuntratt u l-kapacita` tal-kontraenti li jikkuntrattaw” – “**Adriano Cassar Galea noe –vs- Paul Cuschieri**’, Appell, Sede Inferjuri, 31 ta’ Lulju 1996.

Wiehed necessarjament jifhem illi din l-enuncjazzjoni tapplika mhux biss fil-mument tal-formazzjoni tal-kuntratt izda anke fil-mument tar-renova tieghu, ammenokke l-polza ma tkunx tipprovdi ghal tigdid awtomatiku. Fatt dan li fil-kaz in ezami hu eskluz. Dan johrog bil-wisq car minn din is-silta mid-deposizzjoni tax-xhud Stephen Camilleri, Financial Controller tas-socjeta` attrici.

“It is a policy of the company that there is no automatic renewal. We always communicate directly with the client and ask him whether he wants to renew the policy or not” (fol 58).

Il-punt kollu li fuqu sar l-appell jirrigwarda proprju l-posizzjoni assunta mill-appellant nomine, b’obbjezzjoni tad-decizjoni appellata, illi huwa ma kkonfermax it-tigdid tad-diversi poloz. Din hi l-kontenzjoni kollha tal-appell tieghu. Jigifieri illi gjaladarba hu ma ta l-ebda struzzjonijiet lis-socjeta` assiguratrici biex iggedded il-poloz u gjaladarba wkoll il-poloz ma kienux jahsbu ghal tigdid awtomatiku, ergo l-ebda hlas ma huwa dovut minnu ghall-premia reklamati.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti din id-deduzzjoni ma tistax tigi accettata. Fir-rigward il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Il-konvenut nomine naqas li jipproduci provi in sostenn tad-difiza tieghu, u allura tal-kontenzjoni tieghu. Dan nonostante li huwa debitament inghata l-fakolta` li jressaq il-provi tieghu. Ara verbali tal-udjenzi tal-20 ta’ Marzu 2002 u tas-6 ta’ Mejju 2002 a fol 61 u 62. Ghal dan in-nuqqas tieghu ‘imputet sibi’. Kif drabi ohra ntqal “ghall-finijiet proceduralii hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn

ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom" – "J**oseph Falzon –vs- Anthony Debono noe**", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975.

Insenjament car u awtorevoli li ndubbjament ghandu jwiegeb sew certu kumment ta' l-appellanti nomine f'parti ohra tar-rikors ta' l-appell tieghu.

(2) Jirrizulta mix-xiehda tal-imsemmi Stephen Camilleri illi "confirmation (tat-tigdid tal-poloz) may not necessarily be written, it may even be verbal" (fol 59).

(3) Il-Qorti ghandha per forza tassumi illi din il-konferma kienet saret mill-appellant nomine. Mod iehor ma jistax ikun hemm spjegazzjoni gjaladarba, kif jirrizulta mill-entrata fl-istatement a fol 15, fl-14 ta' Lulju 1995 il-konvenut nomine jidher li ghamel pagament ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600), li s-socjeta` assiguratrici attrici qiesitu bhala hlas akkont tal-premium dovut, ossija ta' dik il-parti tal-premium kalkolata "pro-rata for the time that the policy was operative". Kif ahjar precizat "the amount charged would be the premiums paid originally minus the credit that the client would be entitled when he cancels the policy before its maturity date". Ara xiehda ta' Stephen Camilleri a fol 46.

Dawn il-ftit osservazzjonijiet ghandhom jibbastaw biex din il-Qorti ma taccettax ir-ragunijiet addotti mill-appellanti nomine kontra s-sentenza.

Ghal kull buon fini anke jekk issa f'din is-sede t-tielet eccezzjoni ma regghetx sabet postha fl-ebda aggravju mqanqal, tajjeb li tigi osservata l-fehma tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (**76/3946)** fejn irriteniet illi "il mancato pagamento alla scadenza determina la sospensione del rapporto anche quando l'assicuratore sia inadempiente

all’obbligo di indennizzare un danno verificatosi in un precedente periodo assicurativo”.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------